**MILL-ISTORJA TAT-TIĠRIJA TAL-VITORJA** **minn JOSEPH SERRACINO**

# MINN FOMM IL-QADDIEFA U D-DILETTANTI (13)

Fl-aħħar żewġ artikli tagħna segwejna l-intervista ma' Karmnu Saliba (il-Krajm) li fost id-dilettanti anzjani hu meqjus bħala wieħed mill-aqwa qaddiefa Beltin tas-seklu għoxrin.

Illum se nlaqqagħkom ma' żewġ anzjani oħra (qaddief u dilettant) f'żewġ intervisti interessanti. L-ewwel personaġġ huwa qaddief veteran Belti Toni Saliba ( ix-Xelin). Ngħidilkom is-sewwa li dan il-qaddief veteran ma kontx nafu, iżda darba kont għaddej minn Triq Zekka, u jien u għaddej osservajt li ma' ħajt ta' maħżen kien hemm impinġijin għadd ta' paljijiet tar-Regatta. Ġietni l-kurżità li nistaqsi lil anzjan, li kien bilqiegħda fuq siġġu fid-daħla tal-maħżen, jaqra gazzetta x'kienu jfissru għalih dawk it-tpinġijiet tal-paljijiet. Għall-ewwel ma weġibnix, iżda meta erġajt staqsejtu mill-ġdid weġibni hekk:

"Dawk il-paljijiet lili jfakkruni fi żmien ieħor, meta aħna l-Beltin konna l-aqwa distrett fir-Regatta, mhux bħal-lum, qatt ma nifirħu b'xi palju … qed tarahom dawk il-paljijiet … dawk jien pinġejthom mal-ħajt għax għandi l-unur ngħid li f'żgħożiti kont qaddief mal-aqwa distrett fiż-żewġ portijie."

*Int kont taqdef ma' Marsamxett?*

"Iva … jien Toni Saliba jsibuni bħala x-"Xelin" … bdejt naqdef fis-snin għoxrin fiż-żmien meta Marsamxett kien ġab fix-xejn lill-Isla fil-Ferilli … dak iż-żmien it-tiġrija kienet sabiħa wisq, ħafna aktar milli hi llum ... ngħidlek is-sewwa llum jien m'għadnix ninżel nara t-tiġrija għax kbirt u nħossni għajjien ħafna, iżda jekk int tħares lejn il-faċċata tal-maħżen għadhom jidhru t-tpinġijiet tal-paljijiet li Marsamxett rebaħ qabel il-gwerra, u mill-ewwel tintebaħ kemm jien kont fanatiku għal dawn it-tiġrijiet fi tfuliti. .. u min ma kienx ... għalina tal-Belt, ir-Regatta konna nqisuha bħala l-festa tagħna għax konna nirbħu ħafna paljijiet u wara nagħmlu festa kbira qrib il-maħżen sa tard filgħaxija...

*Għad-distretti tal-Port il-Kbir ma kinitx festa?*

"Mhux daqsna żgur ... tal-Kottonera kienu mpikati magħna f'kull korsa ... dak iż-żmien ma kellna xejn ħlief tiġrijiet tad-dgħajjes u aħna konna nagħmlu għalihom ħafna

"Ix-xjuh tagħna jgħidu li fi żmienhom li ma kinitx issir tiġrija jekk ma kienx jinqala' ġlied fiha ... u veru dan ... għax jien niftakar tajjeb ħafna ġlied u ġieli qlajt xi daqqa ta' parjol ukoll ... u mhux bilfors ... aħna konna nkunu armati tajjeb, u meta tal-port l-ieħor kienu jaraw li ma setgħux jirbħulna kienu jiftehmu biex jingħaqdu flimkien kontra tagħna, iżda f'nhar il-Vitorja, qabel it-tiġrija kien jinqala' xi argument fost il-qaddiefa u kien jisfratta kollox.

"Aħna konna armati tajjeb ... kellna dgħajjes mibnijin minn l-aqwa imgħallmin Beltin li kellhom l-imħażen tagħhom ix-xatt ... imbagħad xi tgħidli għall-ekwipaġġi li kellna... min hu tampari jiftakar bl-ekwipaġġ ta' Karmnu l-Krajm, meta fis-snin tletin, fid-dgħajsa ta' Bl-Erbgħa kienu daħlu fil-Kanal bi tliet qaddiefa bil-qiegħda u l-poppier bil-wieqfa .... iżda dak iż-żmien Marsamxett kien ħa daqqa lura, u wara l-gwerra d-distrett sfaxxa għal kollox ... emminni, ma nafx xi ġralhom il-qaddiefa li kellna qabel il-gwerra ... għadni nisma' lil Ġorġ Braydon jgħid li meta xi ħabrieka Beltin ippruvaw jorganizzaw mill-ġdid id-distrett u kellmu lil xi qaddiefa, ħlief ta' Kalanċ u Karmnu l-Krajm ma sabux min jagħtihom daqqa t'id... meta smajt hekk, iddeċidejt li ma ninżilx aktar Marsamxett ...

*Kif tipparaguna ż-żewġ żminijiet tar-Regatta Nazzjonali – qabel u wara l-gwerra?*

"... ma nistax ngħidlek għax ili aktar minn seba' snin ma ninżel nara r-Regatta ... iżda bħala organizzazzjoni aħjar żgur, għaliex il-kanal magħluq fuq naħa waħda min-naħa tal-Ponta u hemm dixxiplina kbira waqt ir-Regatta ... m'għadux jinqala' ġlied bħal dari, u l-premjijiet tal-flus huma ħafna aħjar minn dawk ta' żmieni ... iżda għalija t-tiġrijiet ta' żmieni kienu aktar akkaniti, u minkejja li kien jinqala' l-ġlied fihom, in-nies xorta waħda kienet tinżel il-port bi ħġarha u tibqa' hemm sal-aħħar ... qed jgħiduli li llum lanqas il-ġostra m'għadha ssir ... dik kien fiha għors kbir u kulħadd kien jattendi għaliha wara li tispiċċa r-Regatta!"

Personaġġ ieħor li ltqajt miegħu u għamiltlu xi mistoqsijiet dwar ir-Regatta qabel il-gwerra huwa Salvu Brincat - dilettant u ex- membru tal-kumitat tal-Birgu. Lil Salvu kont ilni nafu s-snin u għalhekk kont naf kemm kellu għal qalbu r-Regatta Nazzjonali, u kemm kien kburi bl-istorja u s-suċċessi kbar li belt twelidu (il-Birgu) kiseb f'din id-drawwa antika.

Meta staqsejtu dwar x'jiftakar dwar it-tiġrijiet tad-dgħajjes qabel il-gwerra, irrispondini hekk:

"Jien għandi idea żgħira tat-tiġrijiet li saru fis-snin 20 ... niftakar lil missieri li kien dilettant kbir ta' dawn it-tiġrijiet jeħodni miegħu biex naraw il-provi f'xatt il-belt.

"Missieri kien iffissat fuq il-ħinijiet, dejjem bi *stop watch* fil-but u jirrekordja l-ħinijiet ta' kull dgħajsa tal-Pass u tal-Midalji, minkejja li qabel il-gwerra l-ħinijiet ta' kull korsa ma kinux jiġu rreġistrati.

"Niftakar li d-dwana u x-xatt tal-Furjana kienu jkunu mimlijin dilettanti, u anke l-Ponta u l-Gardjola tal-Isla, waqt li x-xogħol tad-dgħajjes kien jieqaf waqt il-provi. Peress li missieri ma kienx iħobb jersaq lejn id-dwana minħabba l-ġlied, kien ħadha drawwa jeħodni fil-viċinanża tat-Telgħa tal-Kurċifiss fejn hemmhekk kien jiltaqa' ma' żewġt iħbieb tiegħu, u erħilhom il-ħin kollu jargumentaw min kien l-aqwa u l-aħjar ekwipaġġ fil-kanal.

"Kien żmien ieħor! Kien żmien meta missieri, bħal ħafna dilettanti oħra ta' żmienu, it-Tiġrija tal-Vitorja kellha sinifikat speċjali - din id-drawwa tnisslet fihom min ta' qabilhom u malmedda taż-żmien saret parti minn ħajjithom ..."

*Salv, jien dejjem nismagħhom jgħidu li l-Birgu kienet qawwa kbira f'ta' Bl-Erbgħa kif ukoll f'tal-Midalji ... veru dan?*

"Iva veru, u dawn jikkonfermawh ir-riżultati uffiċjali tad-dwana ... aħna konna armati u erbaħna kemm-il darba l-palju ta' bl-Erbgħa kif ukoll tal-Midalji bid-dgħajsa Santa Pacenzia ... fil-club tagħna għandna ritratt sabiħ ta' din id-dgħajsa quddiem l-istatwa ta' San Lawrenz fil-pjazza tal-Birgu ... konna tajbin ukoll fil-Kajjikki t-twal l-aktar b'San Lawrenz u San Ġużepp ... jgħidu li l-Kajjikk San Lawrenz qiegħed merfugħ f'maħżen ir-Rabat ... dawn il-Kajjikki jien niftakarhom ..."

*F'intervista li għamilt lill-qaddief veteran Bormliż, dan qalli li fl-1931 kienu rebħulkom il-palju ta' bl-Erbgħa ... middehra kien hemm pika kbira bejniethom f'din it-tiġrija...*

"Veru, iżda biex rebħulna dan il-palju tilfu l-palju ta' bi Tnejn ... f'dik is-sena Bormla ma qadfux f'ta' bi Tnejn għaliex il-koppja Karmnu tal-Posta u Pietru l-Tinejt ingħaqdu ma' Kieli ħej ħej u Leli r-Ratal f'ta' bl-Erbgħa fit-tentattiv tagħhom biex jirbħu dan il-palju – ironikament, dan il-palju rebħuh, iżda f'dik is-sena tagħna ma kinux ħadu sehem għax wieħed minnhom kien fis-sakra.

"Barra minn hekk il-palju ta' bi tnejn f'dik is-sena rbaħnieh aħna bl-aħwa Fabri ta' Patatiet... u kif jgħid il-Malti l-istorja tirrepeti ruħha għaliex is-sena ta' wara, il-Birgu reġgħu rebħu mill-ġdid il-palju ta' bl-Erbgħa u tilfet ta' bi Tnejn... insomma kull tiġrija għandha l-istorja tagħha ..."

*ikompli f'ħarġa oħra*



Waħda mill-Ferilli rebbieħa ta' Marsamxett fis-snin 20